# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.12 b

**Kap: Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin !**

**Lezzjoni:** 4.12 b Fid-dinja qegħdin flimkien.

**L-Għanijiet:**



**It-tfal**

1. Jirrevedu ftit il-punti importanti tal-lezzjoni ta' qabel.
2. Jifhmu li jġibu ħafna ferħ meta jagħtu minn dak li għandhom lil min hu fil-bżonn.
3. Jagħrfu li mhix ħaġa ħafifa jaqsmu ma' min ma jafuhx jew mhux qrib tagħhom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Starboard presentation:Fqar jew sinjuri?
- Video clip : Very creative kids in Africa! (3rd World Gaming)



## Naqsmu flimkien - **Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Irrevedi ftit l-aktar punti importanti tal-lezzjoni ta' qabel u isħaq fuq il-punt li anke meta ma naqblux xorta rridu nirrispettaw lil xulxin għax wara kollox irridu ngħixu flimkien. Enfasizza li rridu naghtu kas kulħadd anke ta' dawk li huma boghod minna, għax aħna l-familja waħda tal-bnedmin.
- Ibda l-lezzjoni billi tgħid lill-klassi li ser jaraw video dwar tfal Afrikani, illi tant huma fqar li m'għandhomx ġugarelli biex jilagħbu. Pero' xorta waħda jilagħbu , bħalma jagħmlu t-tfal kollha tad-dinja. Biex jilagħbu dawn it-tfal?
- Uri l-video: **Very creative kids in Africa! (3rd World Gaming)** Waqt li jaraw il-video, l-għalliema tiġbed l-attenzjoni tat-tfal lejn il-faqar li jgħixu fih billi tistaqsi mistoqsijiet bħal:

Dawn it-toys xtrawhom jew għamluhom it-tfal? Lebsin ħwejjeġ g… moda jew ħwejjeġ qodma? X'inhuma lebsin f'saqajhom? Kif inhuma t-to… kola jkunu ftit jew ħafna tfal ġo klassi?Togħġobkom il-lesson tal-P.E. … niet fl-iskola? Għandhom playgrounds jew bandli? Għalfejn xi bniet għandhom tarbija marbuta ma' daharhom? Kif inhuma d-djar tagħhom?



- Staqsi: Dawn it-tfal li rajna huma fqar jew sinjuri? U aħna t-tfal Maltin x'aħna?

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Spjega li dawn huma tfal fqar ħafna. Imma mhumiex fost l-ifqar tad-dinja. Fil-verità hawn tfal li huma fqar aktar minn hekk. Dawn m'għandhomx x'jilbsu, x'jieklu, fejn joqogħdu jew ġenituri biex jieħdu ħsiebhom.
- Uri lit-tfal, l-iStarboard presentation **Fqar jew Sinjuri?** Fejn it-tfal iridu jiddeċiedu liema huma t-tfal l-fqar u liema huma dawk sinjuri. It-tfal iridu jqabblu l-kliem **fqar** u **sinjuri** mal-istampi billi jkaxkru l-kliem taħt l-istampi.

- Staqsi  jekk huwiex tajjeb u 'fair' li aħna għandna ħafna affarijiet żejda u hawn tfal fid-dinja li m'għandhom xejn. Fit-tieni parti tal-iStarboard presentation, it-tfal jaraw x'tip t'għajnuna għandhom bżonn dawn it-tfal.Eż.  l-ikel, mediċini u tobba għall-marid, djar, bjar bl- ilma nadif eċċ.

- Staqsi: Kif ser nagħmlu aħna biex ngħinu lil dawn it-tfal li qegħdin 'il bogħod?

- Fl-iStarboard presentation inkomplu naraw x'nistgħu nagħmlu:

    1. nitolbu għalihom,
    2. hawn  nies li jmorru ħdejhom jgħinuhom(missjunarji)
    3. xi familji jadottaw tfal illi m'għandhomx min jieħu ħsiebhom.
    4. nagħtu flus, ħwejjeġ u donazzjonijiet oħra lill-għaqdiet li jgħinu lil dawn it-tfal.
    5. nuru ħniena mar-refuġjati li jaslu f'Malta.

- Ikkonkludi  l-lezzjoni, b'mod konkret, l-għalliema tista' tħeġġeġ lit-tfal biex iġibu xi ħaġa żgħira tal-flus, bolol użati u phone cards/top up cards użati biex jintbagħtu lill-Opri Missjunarji Pontifiċji,  ( 7, Uffiċċju Missjunarju,Triq Merkanti,il-Belt Valletta VLT 1171). B'hekk l-għalliema tgħin lit-tfal jiskopru kemm tħossok ferħan meta tinduna li tista' tgħin lil dawn it-tfal fqar. L-għalliema tista' tħeġġeġ lit-tfal biex jiġbru donazzjonijiet  mingħand tfal oħra tal-iskola. It-tfal jistgħu jagħmlu l-appell tagħhom lil sħabhom tal-iskola  waqt xi *assembly* ta' filgħodu. Il-fergħa għat-tfal tal-Uffiċċju Missjunarju hija **Children helping children** . Dan hu l-indirizz tal-websajt tagħha dedikata għat-tfal:

http://www.chc.missio.org.mt/Home/News.aspx

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Mhux kulħadd jgħix komdu bħalna. Fid-dinja hawn min qed ibati ħafna.
2. Il-fqar li jgħixu 'l bogħod huma ħbieb tagħna wkoll u nistgħu ngħinuhom.
3. Ejja nagħmlu xi ħaġa biex ngħinuhom!




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Insir naf aktar dwar it-tfal li huma foqra, morda u f'xi bżonn ieħor li huma qrib u 'l bogħod minni biex:




- napprezza dak li għandi,
- ngħin kif nista',
- nitlob għalihom.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

**Very creative kids in Africa! (3rd World Gaming)**



http://www.youtube.com/watch?v=6rp87dJKk2s

## Nitolbu



Mulej, ħu ħsieb lit-tfal foqra tad-dinja biex ikun hemm

Dejjem aktar nies jgħinuhom. Agħmel li min hu sinjur

jifhem illi hemm bżonn jgħin lil min hu fqir.